MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 734/2008

Roger Borg (Id. 661641M) u martu Yvonne Borg (Id. 1066644M).

Vs

Claire Borg (Id. 398676M) u zewgha Matthew Borg ghal kull interess li jista' jkollu.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi peress li huma selfu lill-konvenuti l-ammont ta' disa' u sittin elf, tmien mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€69,881.20) skond skrittura privata (Dok. A); u peress li skond l-istess il-konvenuti obligaw ruhhom li jhallsu l-imghaxijiet bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) fis-sena dekorribbli mid-data tal-istess u cioe tlett elef, erba mija, u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06) fis-sena; u peress li l-konvenuti huma moruzi fil-hlas tal-imghaxijiet

dovuti minn Frar tas-sena korrenti (2008) liema ammont hu cert likwidu u dovut; u peress li l-atturi pprezentaw ittra ufficjali debitament notifikata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tirrendi din l-istess esegwibbli ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (Dok. B); u peress li l-konvenutaipprezentat nota in kontestazzjoni (Dok. C); ghaldaqstant jghidu l-konvenuti jew min minnhom, ghaliex m'ghandux dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centzmi (€3494.06) rapprezentanti imghaxijiet dovuti lill-istess atturi mill-konvenuti minn Frar tas-sena korrenti skond l-iskrittura Dok. A. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq premessa. Ghal fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li s-somma hekk mitluba ma teccedix dik ta' tlett elef, erba mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06)

Ra r-risposta tal-konvenuta Claire Borg li ecepiet illi preliminarjament jigi sottomess li hija ma gietx notifikata bl-iskrittura li ghaliha qieghda ssir referenza u ghaldaqstant l-atturi jridu jressqu prova ta' din l-istess skrittura; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe skrittura li giet iffirmata fiz-zwieg bejn il-konvenuti giet iffirmata mill-istess konvenuta taht pressjoni u theddid da parti tal-konvenut l-iehor Matthew Borg u ghalhekk giet iffirmata mill-konvenuta kontra l-volonta taghha; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe pendenza u/jew allegat dejn/kreditu relatat mal-komunjoni ta' l-akkwisti huwa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Familja u konsegwentement dan it-Tribunal ghandu jistenna l-ezitu tas-separazzjoni personali bejn il-konvenuti sabiex b'hekk ikun car jekk hemm xi dejn minn min dan huwa dovut u dan anki in vista li l-atturi huma l-genituri tal-konvenut Matthew Borg; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, se mai din l-iskrittura tigi ppruvata, u hija l-istess skrittura li l-konvenuta qieghda tahseb li hi, allura, ai termini ta' din l-istess skrittura, kwalunkwe dejn dovut, u cioe s-somma kollha koncernata u nkluzi l-interessi huma dovuti mill-konvenuti lill-atturi a diskrezzjoni ta' l-istess konvenuti u ghaldaqstant is-somma pretiza m'hijiex la certa la likwida u wisq inqas

dovuta.  Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.  Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi 1. huwa jaqbel li l-ammont hu dovut mill-assi tal-komunjoni tal-partijiet skond kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni; 2. illi m'ghandux ikun responsabbli ghall-ebda spejjes mitluba, liema spejjes ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta Claire Borg kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni; 3. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur Roger Borg.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Matthew Borg.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Claire Borg.

Sema' x-xhieda tal-konvenuta Claire Borg in kontro ezami.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Matthew Borg in kontro ezami.

Ra d-dokumenti kollha li gewipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fi Frar tas-sena 2005, l-atturi flimkien mall-konvenuti iffirmaw skrittura privata, fejn fil-qosor l-atturi mizzewgin selfu lill-konvenuti mizzewgin is-somma ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000), bl-interessi tal-5% fis-sena dekorribbli fuq l-ammont misluf.

Skond l-attur, li jigi missier il-konvenut Matthew Borg, huwa kien qieghed jinsisti fuq il-hlas ta' l-interessi mill-konvenuti alavolja ghalih il-hlas tal-kapital ma kienx daqshekk importanti.  Huwa kkonferma li l-konvenuti kienu

hallsuh l-interessi ghas-snin 2005 u 2006 izda sussegwentement ma kienux hallsu izjed interessi. Skond hu l-konvenuti kienu ffirmaw l-iskrittura quddiem l-atturi u l-konvenuta ma kienet uriet l-ebda oggezzjoni ghal tali skrittura.

Illi l-konvenut Matthew Borg ukoll ikkonferma li kien ittiehed dan is-self in kwistjoni u li kullhadd kien iffirma l-iskrittura quddiem xulxin. Skond hu martu Claire Borg ma kellha l-ebda oggezzjoni ghal tali skrittura. Huwa kkonferma wkoll li l-interessi kienu thallsu sas-sena 2006 izda mbaghad kien beda l-inkwiet bejnu u martu Claire Borg u peress li ma xtaqx ihallas dawn l-interessi wahdu huwa ma kienx kompla jhallas l-istess lill-atturi genituri tieghu.

Il-konvenut xehed li huwa m’ghandu l-ebda oppozizzjoni ghall-hlas ta’ tali interessi, u li fil-fatt dawn huma dovuti lill-atturi.

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta Claire Borg xehedet illi hija ma riditx tiffirma l-karta l-kien gabilha r-ragel taghha Matthew Borg ghaliex deherilha li kellha tiehu parir qabel. Pero peress li r-ragel taghha ta’ spiss kellu atteggjament vjolenti maghha, u peress li dak iz-zmien kienet tqila, u anki peress li r-ragel taghha kien qieghed jinsisti li tiffirma l-karta, din hekk ghamlet. Skond hi, qatt ma rat il-flus li kienu ssellfu minghand il-genituri tar-ragel, u dawn x’aktarx kienu gew investiti mir-ragel taghha fi proprjeta’ barra minn Malta.

Skond hi ukoll dawn il-flus kienu thallsu lura lill-genituri ta’ zewgha u ghalhekk ma kien fadal l-ebda interessi x’jithallsu. Pero peress li hi u r-ragel kienu ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni personali, din il-kawza kienet messa in xena sabiex lilha jkomplu jqeghduha f’pozizzjoni ta’ pressjoni kbira. Il-konvenuta xehedet ukoll li hija ma kenitx iffirmat din il-karta quddiem l-atturi, u li kienet l-ewwel persuna li kienet iffirmatha wara li zewgha insista li taghmel hekk.

Illi tenut kont tal-versjonijiet konfliggenti moghtija mill-partijiet, u anki tas-sitwazzjoni partikolari tal-kaz, fejn l-atturi u l-konvenut Matthew Borg jidhru li qedin jigbdu l-istess habel – u cioe dak kontra l-konvenuta Claire Borg – dan it-Tribunal ihoss illi ghandu jistrieh biss fuq id-dokument iffirmat mill-partijiet kollha, u cioe l-iskrittura privata rigwardanti s-self li sar, u xejn izjed, ghaliex l-ebda versjoni tal-fatti moghtija mill-partijiet ma tidher konvincenti ghall-ahhar.

Illi jirrizulta li gjaladarba l-konvenuti t-tnejn li huma ffirmaw din l-iskrittura li rabtithom jhallsu lill-atturi l-interessi mitluba permezz tal-kawza odjerna, t-talba attrici ghandha tintlaqa fil-konfront taghhom it-tnejn peress illi dan huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Dana jinghad pero minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi dritt tal-konvenuta Claire Borg u minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni taghha fil-konfront ta’ zewgha fir-rigward tad-dejn u tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti fil-proceduri ta’ separazzjoni pendenti bejniethom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Claire Borg u jilqa t-talba attrici u b’hekk jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tlett elef, erba mija, u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3494.06). L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti f’zewg porzjonijiet ugwali

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------